# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 14 ta' Marzu 2023**

**Talba numru 294/2022 SFJ**

**Numru: 11**

**VODAPHONE MALTA LTD**

**ILLUM EPIC COMMUNICATIONS LTD (C 10865)**

**VS.**

**KEITH GRECH (KI 16280 M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-28 ta' Ottubru 2022 li permezz tagħha is-soċjeta' attriċi ippremettiet u talbet lil din l-Onorabbli Qorti li:

- *"Jogħġbu jikkundanna lill-intimat iħallas is-somma ta' elf, erba' mija u tmintax-il ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (Eur 1,418.82), rappreżentanti servizzi reżi in konnessjoni ma' servizzi tat-telefonija ċellulari bil-kont bin-numru 1.11029974, fuq talba w a benefiċċju tal-intimat u dan kif jirriżulta mill-fattura, li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa w immarkata DOK X1;*
- *Illi dan il-kreditu qiegħed jiġi kkonfermat mir-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi u dan kif jidher mill-Affidavit hawn anness w immarkat DOK X2;*
- *Bl-ispejjes u bl-imgħaxx mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv;*

- *Illi t-Tribunal ikkonferma illi l-fattura ġiet annessa mal-avviż w immarkata bħala DOK X1, kif ukoll l-Affidavit immarkat DOK X2, li kien ta' Dr. Jeremy Debono, rappreżentant legali tas-soċjeta' attriċi".*

It-Tribunal osserva illi Keith Grech ġie notifikat bl-avviż fil-5 ta' Novembru 2022 u ma ppreżenta l-ebda risposta, iżda deher fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2022.

Fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2022, il-konvenut informa lit-Tribunal li mhux qed jaqbel fuq l-ammont mitlub mis-soċjeta' attriċi, pero' li għandu jagħti xi ammont. Dakhinar, it-Tribunal talab lill-konvenut sabiex sas-seduta li jmiss, jivverifika dan kollu u li għandu jidher fl-istess seduta li ssegwi, u cioe' dik tal-24 ta' Jannar 2023.

Il-kawża, infatti, ġiet diferita għall-24 ta' Jannar 2023 għal-informazzjoni ulterjuri**.**

## **Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal jaħseb illi l-konvenut inagħta di piu' biżżejjed ċans sabiex jirregola ruħu u jinforma lil dan it-Tribunal bil-bilanċ, li skond hu, kien dovut. Iżda, mis-6 ta' Diċembru 2022 sal-24 ta' Jannar 2023, jidher illi dan m'għamel xejn, u nfatti lanqas biss deher fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2023.

Għaldaqstant, it-Tribunal ivverifika mal-PL Petra Licari, li qed tidher għan-nom tas-soċjeta' attriċi, li ġiet mitluba sabiex tikkonferma li l-ammont għadu dovut. Il-PL Licari, fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2023, ikkonfermat illi l-ammont għadu dovut u għalhekk, it-Tribunal iddiferixxa din il-kawża għat-28 ta' Frar 2023.

It-Tribunal josserva li fis-seduta tat-28 ta' Frar 2023, il-konvenut imsejjaħ diversi drabi ma deherx u l-PL Licari ikkonfermat ukoll li l-konvenut m'avviċinax lis-soċjeta' attriċi sabiex jivverifika l-ħlas.

Skont l-aħħar verbal tal-24 ta' Jannar 2023, il-konvenut kien inagħta l-aħħar ċans sas-seduta tat-28 ta' Frar 2023, u għalhekk, il-kawża, mbagħad ġiet diferita għall-14 ta' Marzu 2023, għas-Sentenza.

Wara li t-Tribunal ra l-Affidavit ta' Dr. Jeremy Debono, kif ukoll l-ammissjoni tal-istess konvenut li ammetta illi kellu jagħti xi flus, it-Tribunal iħossu konvint li dan l-ammont huwa dovut u ma jsibx diffikulta' jikkonkludi li s-soċjeta' attriċi timmerita li tieħu l-ammont riklamat fl-avviż tat-talba.

## **Deċide**

Fid-dawl tal-fatt hawn fuq imsemmi, għalhekk it-Tribunal jaqta' w jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjeta' attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex

iħallas lis-soċjeta' attriċi is-somma ta' elf, erba' mija u tmintax-il ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu (Eur 1,418.82), bl-imgħaxx mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jikkundanna wkoll lill-konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi l-ispejjes kollha ta' din il-kawża.

---

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**